**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 531/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**Adrian Baldacchino**

**Illum 20 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Adrian Baldacchino**, iben Paul u Georgina neè Caruana, imwieled Ħ'Attard fl-20 ta' Ġunju 1974 residenti fil-fond 210, Gianella Court, Flat 5, Marina Street, Pietà u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 326074(M), talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa il-Pietà u diversi postijiet tal-gżejjer Maltin:

1. Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Charmaine Spiteri biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222, b'użu ta' arma, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1) u 251H(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Mallta;

2. Naqas li josserva jew kiser xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nħareġ fl-10 ta' April 2019 mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Charmiane Spiteri għall-perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sas-sentenza finali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 13:30hrs ġewwa l-Pietà:

3. Ħebb għal Charmaine Spiteri sabiex jinġurjaha, iddejjaqha u jagħmillha ħsara b'xi mod, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Charmaine Spiteri, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra l-imputat a benefiċċju ta' Charmaine Spiteri u l-familjari tagħha u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tipprovdi għall-persuni ta' Charmaine Spiteri u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-buon ordni pubbliku, billi flimkien mal-piena applikabbli torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata Minnha ai termini ta' l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għal żmien li l-Qorti tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra milli tinfliġġi il-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti markati Dok. "JP1" sa' Dok. "JP8" a fol. 9 sa' 29 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Charmaine Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020[1] u rat id-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Charmaine Spiteri datat 22 ta' Ottubru 2020[2], semgħet ix-xhieda ta' PS 583 Evan Grech[3] u tar-Risk Assessors Redent Farrugia[4] u Roberta Formosa[5] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Joanna Piscopo mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Diċembru 2020[6] u tat-22 ta' Frar 2021[7] u rat is-sikkina esebita mill-Ispettur Joanna Piscopo waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021, liema sikkina ġiet markata bħala Dok. "GVX"[8], semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021[9] u semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Anabel Bugeja mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2021[10] u rat is-Social Inquiry Report imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "AB" a fol. 110 sa' 132 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa il-Pietà u diversi postijiet tal-gżejjer Maltin: (1) Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Charmaine

[1] Fol. 43 sa' 55 tal-proċess.
[2] Fol. 58 tal-proċess.
[3] Fol. 66 u 67 tal-proċess.
[4] Fol. 68 u 69 tal-proċess.
[5] Fol. 70 u 71 tal-proċess.
[6] Fol. 79 u 80 tal-proċess.
[7] Fol. 84 tal-proċess.
[8] Fol. 85 tal-proċess.
[9] Fol. 86 sa' 99 tal-proċess.
[10] Fol. 103 sa' 109 tal-proċess.

Spiteri biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222, b'użu ta' arma, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1) u 251H(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Mallta; (2) Naqas li josserva jew kiser xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nħareġ fl-10 ta' April 2019 mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Charmiane Spiteri għall-perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sas-sentenza finali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; U talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 13:30hrs ġewwa l-Pietà: (3) Ħebb għal Charmaine Spiteri sabiex jinġurjaha, iddejjaqha u jagħmillha ħsara b'xi mod, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Charmaine Spiteri, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Charmaine Spiteri**[11], l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri, xehdet illi fit-8 ta' Ottubru 2020 *jiena kont qiegħda d-dar, kont qed inlesti biex immur nagħmel xagħri, wasal Adrian fis-sakkra bħas-soltu u beda joffendini … "Foxx il-barri missierha, dil-wiċċ ta' liba, ja qaħba, marret tgħid lil Kevin well done". … Jiena għalih ma jisimnix Charmaine imma jiena "liba, kurnuta u barrija". Jiena dawk l-ismijiet tiegħi. Jiena kif smajt digà daħal u se jibda bil-paroli, jiena kont ilħaqt lestejt il-curry għat-tifel u kont tajtu x'jiekol però kien għad baqgħali fil-borma u kont se naghmilhom ġo container għal iktar tard għaliex jekk ma kontx se nagħmel hekk, Adrian kien jispiċċa jew jarmili sigarett ġo fih li fil-fatt hekk ġara meta wasalt lura mid-depot fejn tefagħli l-biċċiet tal-kustilji li ma riedx hu ġol-ikel tat-tifel. Kif kont għadni se nibda … kull ma kont ħadt dan il-blue container bil-handle u lanqas biss tani ċans, naf li resaq lejn il-mejda u għedtlu qed taqbad miegħi minn fuq li inti l-ħażin. Kienet il-ħażin għaliex fil-condominium meeting tal-ġurnata ta' qabel, jiġifieri ta' Wednesday, jiena sirt naf illi, waqt li qegħdin l-owners l-oħra ta' l-appartamenti, illi Adrian kien qal lil Kevin ta' flat 3, illi ma riedx il-cameras għaliex jekk itini xebgħa ma jridx jinqabad minħabba l-Pulizija.* Dwar il-laqgħa tal-condominium, Charmaine Spiteri xehdet illi *filgħaxija kellna l-laqgħa, jiena smajt dan id-diskors, ridt l-art tiblagħni u bdejt nistħi għax jiena naqbeż tant għalih għall-condominium u mort naqbeż għalih proprjament għalhekk ħarġet din għaliex jiena għedtilhom għalfejn qed twaħħlu dejjem f'Adrian kull ma jsir hawn ġew u kien hemm dan Kevin u qalli qed ngħidlek għaliex Adrian qalli li ma jridx il-cameras għaliex jekk irid jagħti xebgħa lill-mara ma jridhomx li jaqbduh minħabba l-Pulizija. Dik kienet ir-raġuni għalfejn qalli "inti għidtlu well done" imma jiena fl-email m'għedtlux well done lil Kevin. … Email li kienet bejn tal-condominium fejn kulħadd kien jaf x'qed jintqal, Adrian u dan Kevin bdew il-battibekki u kliem bħal "kurnut", "u għax inbarrik" u "moħħok hemm" u insomma. Jiena bdejt nisma' b'umiljazzjoni kbira ovvjament imma ilni ngħaddi minnhom dawn l-umiljazzjonijiet u dejjem inżomm ġo fija. Però din ta' Kevin kibret iktar għaliex Kevin irrealizza li Adrian kien qed jgħid illi Kevin qiegħed jittanta lin-nisa tar-Remax li għandhom uffiċċju taħtna. Kevin ried jirribatti u jnaddaf ismu u qalilna "Dear owners, jiena kellimt lil Fabian biex toħroġ il-verità" u Adrian minn hemmhekk bdew il-battibekki u għalhekk beda jgħidlu "kurnut" eċċ. Allura jiena x'ħin qal li Fabian għandu jgħajtilna isfel biex nisimgħu l-verità, kien fl-interess tiegħi illi ninżel ħa nara jekk hux vera li Kevin kien qed jittanta lil dawn in-nisa jew inkella jekk huwiex l-ex-partner tiegħi, Adrian. Jiena għedtlu "Yes, I agree, let me know" xi*

[11] xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 43 sa' 55 tal-proċess.

*ħaġa hekk insomma għedtlu. X'ħin daħal u beda jgħajjarni "barrija, kurnuta, foxx il-barri missierek" għidtlu li jiena m'għedtlux well done imma jiena għidtlu li naqbel biex ninżel isfel. Għedtlu minn fuq li inti l-ħażin, trid tiġi tiġġilidli? Jitlaq jiġri u jiena ħrabt il-barra għaliex għidt issa ġejja xi xebgħa sew. Tant kemm kont imbeżża' li minflok ma nżilt it-taraġ, għax bdejt nibża' li se naqa', għafast il-lift. Issa l-lift tagħna vera slow u hu ħariġli b'sikkina. … Adrian*

Charmaine Spiteri xehdet ulterjorment *fetaħ il-bieb u ħareġ b'sikkina, chef knife, tal-Bialetti. Ngħidlek il-verità għedtlu Adrian ħa ngħidlek, għedtlu ħa mmur ngħid lil Kevin ħa nara min qed jgħid il-verità dak il-ħin. Insomma dħalt fil-lift, inżilt fis-sular ta' Kevin, ħarist lejn il-bieb, rajt il-keyhole u rajt il-camera u għedt, jien x'ħa nagħmel, għedt hawnhekk ħa tagħqad. L-ieħor bis-sikkina u fis-sakra, Kevin mhux se joqogħdlu għaliha għax skond il-mara tiegħu hu jiġġieled ukoll, allura ħarist lejn il-mera tal-lift, infqajt nibki u bdejt ngħid, fiex ġabni dan ir-raġel. Tlajt 'l fuq ergaġt, reġa' fetaħli mbagħad il-bieb Adrian, kien għadu bis-sikkina però dak il-ħin, jiena dan il-bniedem issa drajtu, allura għidtlu, Adrian jiena ma nipprendikx, la qatt ipprendejtek u lanqas se nipprendik u dak il-ħin mexa lura. Kien jaf li se nitlaq il-barra bil-karozza u jgħidlek ma tmurx se tirrapportani allura qalli biex inġiblu ċ-ċavetta tal-karozza u għedtlu meta tħallasha inti, intihielek iċ-ċavetta tal-karozza imma għedtlu sakemm indum inħallasha jien, jien insuqha l-karozza. Din qed jgħidieli għaliex jiena nħallas il-karozza però ħallejtha fuq ismu għax kelli karozza oħra u ġegħlni bilfors irrid inbiegħha. Jiena kont naf x'jagħmel Adrian allura kelli l-ispare key u ċ-ċavetta fil-baskett għax jien kont naf li x'ħin niġġieldu, Adrian jitlobni ċ-ċavetta biex ma noħroġlux il-barra. Biex ma jiġix jerġa' jerfa' idejh, jiena għedtlu ok u tajtu l-ispare key. Ħriġt il-barra niġri u tlaqt bil-karozza. Għall-ewwel bdejt naħsibha jekk għandix immur, bdejt nibki u ngħajjat fil-karozza u ngħid fiex gani, x'biża' għandi u naqbeż bdejt bil-biża' kbira li kelli fuqi. … Għax werwirni bis-sikkina. Jiena għandi xogħfa li sawwatni qabel, ħmistax qabel kien tani daqqa ta' ponn, dan il-bniedem kont dejjem qiegħda nibża' li dan xi darba se jimmankani jew se joqtolni.*

Mistoqsija mill-Qorti kemm kienet ilha f'relazzjoni ma' l-imputat, Charmaine Spiteri wieġbet *kważi 14-il sena. Drabi oħra kont ħfirtlu, jiena għentu immens u iċċekkjajt ma' kulħadd biex nipprova ndaħħlu għall-kura minħabba x-xorb imma hu qatt ma ammetta illi kellu problema. Issa dan jitterorizzana, mhux biss lili imma anke lit-tifel. Għadna tifel b'ADHD u r-rabja li għandu fuqu hija inkredibbli. Jiena dejjem ħdimt għalih it-tifel bit-terapija, bil-counsellors u għandi l-ismijiet kollha jiġifieri jekk għandek bżonn u Aidan qiegħed taħt nies professjonali. … Għadu kif għalaq 12 nhar is-Sibt.* Lura għat-8 ta' Ottubru 2020, Charmiane Spiteri xehdet ulterjorment illi *jiena kont se mmur l-għassa* [ta' l-Msida] *u rajt li quddiem il-Pulizija kienu qegħdin iħaffru jew kienu qed jaqilgħu xi ħaġa. … Allura jiena minflok dort u bqajt tiela' 'l fuq u għidt "U le għax ħa naqla' ħafna nkwiet nerġa' bil-Qrati". Kont qiegħdha ndur bil-karozza imma mbagħad f'ħin minnhom klikkjajt u għidt jekk Adrian jinżilli bis-sikkina għal Kevin, għedt Kevin se jarah minn ġol-keyhole u mhux se jirrealizza illi għandu sikkina u se tiġri traġedja u dik kienet li ġegħlitni mmur għand il-Pulizija mbagħad. Minn hemmhekk però niftakar li kont ċempilt lil Dr. Dean Hili u għedtlu x'għandi nagħmel f'dan il-każ. Hu qalli biex immur u nirrapporta dak kollu li ġara. Jiena mort u għedt issa ma jistax ikun ngħix iktar b'din il-biża' li għandi fuqi. Jiena mimlija ansejtà u jiena naqbeż il-ħin kollu mhux għax qieghda hawnhekk biss imma jiena ħajti naqbeż anke biex nagħmillu l-brodu trid tqattagħhulu eżatt, jiftaħli l-għatu u jkun hemm xi ħaġa ħażin eżempju jekk ma tfajtlux biżżejjed tumeric jew ma qattajthomlux kif reidhom il-karotti u hekk, kien jaqla' pletju.*

Mistoqsija dwar x'tip ta' plejtu jaqla' l-imputat f'dawn l-okkazzjonijiet, Charmiane Spiteri wieġbet u xehdet ulterjorment illi *t-tgħajjir ikun fuq xi ħaġa oħra imma imbaghad. Jew per eżempju ngħidlu "Isma Adrian, mingħand min għandek tiġbor il-flus?" U hu kien jgħidli "U mur ħudu foxx kemm għandek ma rridx ngħidlek". Kont ngħidlu "Adrian għidli għax irrid inġib il-flus mingħand Massimo u ma nistax nagħmel ċifra li ma hijiex hi" u kien jgħidli "Ma rridx ngħidlek, tindaħalx u mur ħudu foxx missierek ja liba u kurnuta". Dawn għandi jiġifieri triq sħiħa nies li jistgħu jkunu xhieda għax minn fejn għandu l-garaxx s'isfel sa' fejn hemm il-Mak Deo, kulħadd kien jisimgħu u tant hu hekk li semmewli lil missieri kemm kien ma' jaħmilx lil missieri u ġieli qalli li jrid jaqtagħlu saqajh barra lil missieri. Dejjem jekk nagħmel xi ħaġa anke tajba jgħidli "ja liba u kurnuta" jew semmieli lil wieħed Il-Pinzell jinfamani li mhux vera għax jiena qatt ma ċċappast mal-Pinzell. Kien isemmili lill-Pinsell għaliex missieri importatur u għandu n-negozju u tefgħani f'dan il-garaxx għaliex kellna 2 outlets u missieri hallieni hemmhekk ħalli l-ġdid imexxieh perss li kien ikbar. X'ħin kont fin-niżla tal-Pinzell kien jgħajjarni li jiena mort miegħu, li qed ixandarni ma' kulħadd fil-ħabs u din semmiehili wkoll waqt il-ġlieda li x'ħin jiena dħalt biex nieħu l-baskett x'ħin talabni ċ-ċavetta tal-karozza semmihieli. Qalli 'mur ja qahba, tgħidx kemm ixandrek il-Pinzell, ħabs sħiħ jaf u lil kulħadd qed jgħid". Jiena kont ngħidlu "Jiena qatt ma ċċappast miegħu dan il-bniedem, xi tridu jgħid fuqi? Għalfejn qed tinfamani u qed jisimgħuk in-nies?" Il-ġirien kollha jisimgħu kollox.*

Fir-rigward ta' dak li gara fit-8 ta' Ottubru 2020, Charmaine Spiteri xehdet ulterjorment illi *imbagħad mort l-għassa ta' l-Imsida, ipparkjajt ħdejn il-Busy Bee il-ġelaterija u mort ngħidilhom però ma kienux qed jieħdu domestic violence, però għidtilhom li Adrian għandu sikkina f'idejh u qed nibża' li se jinżel għand Kevin ta' flat 3. Issa jiena l-biża' tiegħi kienet għaliex Adrian kien ilu 3 ijiem jiġri b'din is-sikkina. Jiena ma kontx naf eżattament x'kien hemm. Mela Tuesday, Adrian ġie id-dar fis-sakra b'xi ħaġa ġo sarvetta ħamra li ħa mid-dar. ... Tuesday ta' qabel l-inċident li nqala' on Thursday. ... Qalli din tmisshiex u poġġiha fuq is-shoe cabinet. L-għada filgħodu s-sikkina ma kinitx hemm jew dak li kien hemm ġos-sarvetta għax illum il-ġurnata naf li kienet sikkina. ... is-shoe cabinet qieghda kif tiftaħ il-bieb. ... Il-bieb ta' barra tagħna. Hemm is-shoe cabinet u għamilha fuqha. L-għada filgħodu ttawwalt għax għidt dak x'qed iġorr miegħu u ma rajthiex hemmhekk. L-Erbgħa, x'ħin kont ħierġa biex ninżel isfel għall-condominium meeting u fl-istess ħin ridt immur inwassal lit-tifel il-gym, għedtlu "Adrian, din x'inhi?" U missejtha b'din l-id u qalli biex ma mmisshiex għax dik sikkina u tlaqt idejja. Jiġifieri jiena missejt is-sarvetta biss u tlaqt idejja, ma ridtx niftaha. Hemm x'hemm ma ridtx inkun naf però hu qal li sikkina kien hemm. L-għada reġa' ħareġ biha għax iċċekkjajt is-shoe cabinet erġajt u ma kinitx hemmhekk u lura reġa' ġie biha. Dakinhar kien attakka lili mbagħad għamilt ir-rapport, kelli mmur id-depot għand id-domestic violence unit, kelli nagħti l-istatement tiegħi, kelli nagħmel l-assessment u ddeċidew illi jiġu u jiġbruh. Jiena dħalt malajr id-dar biex it-tifel u il-klieb ma jaraw xejn u ma jagħmlux storbju anqas, u ħaduh. X'ħin ħriġt għajjattli s-Surġent u qalli "Sinjura, ok ta". Naf illi Adrian ma rribattiex biex imur magħhom però kif kienu telqu kollha ndunajt li kien hemm din is-sarvetta imgeżwra u għidt lanqas indunaw li hawnhekk kien hawn il-prova. Kumbinazzjoni imbagħad eżatt iċempel is-Surġent u kien talabni għal xi evidenzi biex Adrian kien attakkani u jiena għedtlu waħda. Għidtlu naħseb is-sikkina qiegħda mgeżwra ġos-sarvetta reġgħet li dakinhar kienet qiegħda fuq il-mejda tal-kċina u għidtlu jien mhux se niftaħha. Jiġifierifi jiena kif tlaqt, hu kien riesaq lejn il-kċina kif kien wasal Adrian, hemmhekk tefa' s-sikkina u ġie jiġri biha, mhux ġie jiġri biha għax ma rajtux biha però x'ħin fetaħ il-bieb, kien biha.*

*Wara irrealizzajt u għidt mela dak ġie jiġri bis-sikkina però qed nassumi u jiena l-fatti ngħid. Bagħtuli wieħed pulizija li ġie b'envelope kannella, jiena qbadt ingwanta ma jmurx jipprova jinkriminani li jiena missejt din il-famuża sikkina għaliex biex iwaħħal fija ma jrid xejn. Jiena kont walking on actions u jiena naf illi kont qed nagħmel affarijiet tajbin u dan il-bniedem jgħajjarni u jkissirni talli qed nagħmel it-tajjeb. Jagħmel xi ħaġa ħażina hu u jiena niġi l-ħażina. ... Dik is-sikkina ġie għaliha Pulizija bl-envelope u fetaħuli biex nitfaħħa fih. Għidtlu aħjar ma tmisshiex u għidtlu li ħa nġib ingwanta u tfajniha ġo dan l-envelope bl-ingwanta.* Mistoqsija kenitx l-istess sikkina li kienet rat hi, Charmaine Spiteri wieġbet *nimmaġina ifhimni imma s-sarvetta żgur. Il-forma kienet l-istess imma ma nistax ngħid iktar minn hekk.*

Dwar kwistjonijiet passati bejniethom Charmaine Spiteri xehdet illi *din mhux l-ewwel darba li sawwattni. Kont tqila u kien isawwattni. ... bl-ewwel wieħed u kien isawwatni. Fit-tieni wieħed għamilli storja fil-Milied fejn beda jitfa' s-siġġijiet minn fuq għal isfel, werwirni u dħalna fil-lift jiena u t-tifel.* Mistoqsija meta ġara dan, Charmain Spiteri ddikjarat *fil-25 ta' Diċembru tas-sena 2017 għax kien fil-Milied li konna qattajnieh għand zijuħ. Niftakar ma kont kilt xejn għax jiena naqra qanżha biex niekol u kelli l-ikel li kont xtrajt take-away u ħallejtu fil-karozza, ma kilt xejn għandhom għax konna mistednin għand zijuħ u ħallejt l-ikel fil-karozza ġurnata sħiħa. Però tellajtu fuq u x'ħin kont se naqbad niekol, jiġi fuq il-mejda, jgħaffiġuli biex jidilku mal-mejda tal-ħġieġ u għidtlu għalfejn qed tagħmilli hekk għadni anqas kilt xejn u taf li ma kilt xejn. Kien hemm fejn anke prova jifgani meta konna ngħixu Ħal-Qormi. ... January 2008 x' ħaġa hekk or end of 2007.* Fir-rigward tas-sigarett fil-borma ta' l-ikel, Charmaine Spiteri ddikjarat li *ġieli jara l-ikel li jkun lest u ma jinteressaħx għal min kien jekk hux għat-tifel u jaqbad jew jiftali s-sigarett fil-borma jew iqaxxar il-basal u jitfgħu fil-borma u jiena kont ngħidlu għalfejn qed tagħmel hekk. Għandu ħafna kattiverja. Però Adrian mar lura bix-xorb. ... Hu jixrob kuljum u ma tgħaddix ġurnata li ma jixrobx. ... Hija non-existent li se jiġi straight dan il-bniedem. ... Jidħol u tinduna li ma jkunx qiegħed sew però biex jiġġieled mill-ewwel. Inkun għamilt l-affarijiet sew u jiġi jgħidli "ja qaħba, ja liba". ... Per eżepmju lit-tifel kont żammejtu d-dar minħabba l-COVID, jiġi u jixgħellu t-televixin u t-tifel bl-ADHD u ma jistax jara televixin u jqabbadli s-sigaretti ħdejn it-tifel. Il-ħin kollu jtellef. Jibda jħares lejn it-tifel biex speċi ejja ħa niġġieldu u l-ieħor jgħidlu "What daddy?" U lil Adrian ngħidlu biex ma jagħtix kasu.*

Mistoqsija dwar rapporti oħra li għamlet mal-Pulizija fir-rigward ta' l-imputat, Charmiane Spiteri ddikjarat li dan ma kienx l-uniku rapport iżda s'issa dejjem ħafritlu *bil-patt u kundizzjoni li jmur għar-rehab. Jiena nemmen li Adrian l-unika għajnuna li għandu bżonn hija li jiġi evalwat għall-mental capacity tiegħu għaliex bdejt ninnota illi kif iġib ruħu fis-sakkra, fl-antik, illum il-ġurnata, meta jkun sober, ikun b'dik l-attitudni. Aggressività, bullying, iħossu li hu fuq kulħadd, iħossu li hu l-king, iħossu li hu s-sinjur u jgħajjar lin-nies li huma mejtin bil-ġuħ. ... Dan ikun għadu straight. Immaġina x'ħin jixrob u jsir inkontrollabbli. ... Iħossu fuq kulħadd u jibda jgħajjar lin-nies u jkun irid jiġġildilhom. Dan jekk tiċċekkja hemm anke theddid ieħor li mhuwiex mingħandi. Ħmistax qabel kien għadu kif tani daqqa ta' ponn.* Mistoqsija dwar dan l-inċident Charmaine Spiteri ddikjarat li dakinhar l-imputat reġa' daħal id-dar fis-sakkra u pprova jaqbad magħha. Hija però ma għamiltx rapport kontrih għaliex ma reditx kawża oħra l-Qorti iżda xorta ċemplet l-għassa u *kien hemm Pulizija li ma nafx x'jisimha, però naħseb li hija s-Surġent illi għandha xagħrha twil iswed u qaltli "Charmaine, jiena xbajt ngħidlek x'għandek tagħmel". Qaltli biex fil-każ immur nagħmel ċertifikat u mmur hemmhekk. Imbagħad għidt irħilha għax m'għandhix aptit aktar inkwiet. Jien lili feliġni ta.*

Mistoqsija kif ħassitha meta skopriet is-sikkina fuq is-shoe cabinet, Charmaine Spiteri wieġbet *imbeżża' u infatti Wednesday x'ħin missejt daqsxejn din is-sikkina u tlaqt idejja, bdejt ngħid jien suppost immur nirrapportah? Għidt imma jekk nagħmel hekk ħa nkun qaħba għax Adrian dejjem daħħalli f'moħħi illi jiena "qaħba", jiena mejta bil-ġuħ, joffendi lil missieri, kien jgħidli "lilek irrid nerdagħhulek" u dejjem hekk allura jiena dejjem b'biża' kbira fuqi.* Mistoqsija kif tħossha waqt l-inċidenti l-oħra li jkollha ma' l-imputat, ad eżempju meta jitfa' s-sigaretti fil-borma ta' l-ikel, Charmaine Spiteri wieġbet *iddispjaċuta, imbezza' u ma nistax nitkellem għax tinqala' ġlieda. Mela jiena dejjem walking on actions. Jiena m'għandix ansejtà kbira ta' xejn illum. Jiena mort għall-għajnuna minħabba l-ansejtà u kien qallli li jiena qabel ma nibdel l-environment, l-ebda pinnola mhi se tgħini għax jiena m'għandi xejn.*

In kontro-eżami Charmaine Spiteri kkonfermat li fil-blokka fejn jgħixu, kellhom inkwient ma' diversi sidien oħra fil-blokka minħabba affarijiet li kienu jagħmlu dawn is-sidien l-oħra, ad eżempju bħal meta hi u l-imputat kellhom iħallsu għad-dawl u l-ilma meta ma kienx dovut minnhom u li kien hemm ukoll xi kwistjonijiet fuq parkeġġjar ta' vetturi. Ikkonfermat ukoll li f'dawk l-okkazzjonijiet hija kienet unita ma' l-imputat u anke qabżet għalih iżda żiedet tgħid *Adrian kien qiegħed jagħmel ċertu vendikazzjonijiet fil-lift. Darba penġielhom bid-demm tal-fenek u verament kien jagħmilhom jiġifieri imma jiena ma kontx inwaħħal fih. Darba bid-demm tal-fenek penġa parti ta' raġel, darb'oħra qala' l-intercom u għandi suspett qawwi li kien hu. … ma rajtux, dak li kont se ngħidlek. Però ġurnata qabel, meta inqalgħet din il-kwistjoni li Adrian prova jikxef lil wieħed biex iġelldu mal-mara li kien jittanta lin-nisa, fil-fatt, Adrian kien dak li qiegħed jittanta lil dawn in-nisa u b'hekk inqala' dan il-battibekk bejniethom. Imbagħad kienu ġew jgħiduli. … Jiena ma mortx għand tar-Remax però meta jiena smajtu jgħidilha lil waħda minnhom "Ara Schiffer", jiena għedtlu għalfejn "Schiffer" u għidtlu mela jiena nkellem lill-irġiel u ngħdlu "Ara Ronaldo". Irid ikun hemm ċertu serjetà għax jiena f'dawn l-affarijiet serja.* Mistoqsija biex heddidha meta qalet li mar għaliha bis-sikkina, Charmaine Spiteri wieġbet *naf li offendieni imma ngħidlek il-verità jekk tgħidli x'qalli, bil-biża nsejt.* Mistoqsija kienx hemm theddid bil-fomm, wieġbet *bil-fomm le, bl-actions tiegħu li għamel. Ħareġ għalija u ovvjament werwirni.* Mistoqsija mill-ġdid jekk qalliex xi ħaġa bil-fomm, Charmiane Spiteri wieġbet *bil-fomm offendieni biss.*

**PS 583 Evan Grech**[12] xehed dwar ir-rapport li Charmaine Spiteri għamlet mad-Domestic Violence Unit u ddikjara li *qalet li dakinhar stess għall-ħabta tas-13:30p.m., kienet qiegħda fil-kamra tas-sodda tipprepara biex toħroġ għaliex kellha appuntament tax-xogħol u semgħet lil xi ħadd iħabbat il-bieb ta' barra u kien it-tifel tagħha Aiden ta' 12-il sena. Qalet li tagħtu x'jiekol u ħallietlu xi ikel u preżenti qalet li kien hemm il-partner tagħha Adrian Baldacchino fejn Charmaine qalet li kien fis-sakkra dak il-ħin peress li għandu problema relatata max-xorb. Dak il-ħin bagħtilha ċertu Kevin li joqgħod fl-istess blokka fi flat number 3 u bagħtilha email bil-kliem "well done'. Min-naħa tagħha qalet li Adrian dak il-ħin qalilha "ja liba, ħa taqbeż għalih?". Dak il-ħin kien se jeskala argument, qalet li mar bl-għaġġla għaliha, mar biex jerfa' idejh fuqha u telqet tiġri l-barra. Qalet li qabditha r-rogħda wkoll u niżlet it-taraġ avjolja kienet għafset il-lift. Dak il-ħin, Adrian fetaħ il-bieb u qalet li f'idu kellu sikkina tal-Bialetti u xejjirha fid-direzzjoni ta' Kevin, l-istess wieħed li bagħtilha l-email u li joqgħod fl-istess blokka fi flat number 3. Dak il-ħin bdiet tgħidlu li hi ma tibżax minnu avolja seta' kien*

---

[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 66 u 67 tal-proċess.

*hemm konsegwenzi speċi b'dak l-istess kliem li qaltlu hi stess. Kif niżel il-lift, ipprova jwaqqafha u niżlet fejn il-flat ta' Kevin u Charmaine kienet ser tmur tħabbatlu però beżgħet li jinqala' l-inkwiet u telgħet il-fuq fil-lift. Meta ħabbtet il-bieb tad-dar fetaħ it-tifel tagħha u Adrian qalilha biex ittih iċ-ċavetta tal-karozza. Hi qaltlu li la jħallas hu, ittihomlu ċ-ċwievet u jkun jista' jużaha. Hu mar jiġri warajha u tagħtu l-ispare key. Dak il-ħin hi qabdet il-baskett biċ-ċavetta u r-remote u telqet il-barra. Min-naha tagħha hi, fuq shoe cabinet, rat sikkina li kien hemm fis-sular tagħhom u kellha sarvetta ħamra u hi għarfitha min-naħa tagħha però hi ma qabdithiex minħabba l-fingerprints. Meta staqsiet lil Adrian x'kienet is-sikkina, qalilha li mhux affariha u kif ukoll qalilha biex ma tmissihiex wara. … Ġiet tagħmel ir-rapport u min-naħa tagħna ħallejna hand-over biex isir ir-risk assessment.*

**Ir-Risk Assessor Redent Farrugia**[13] xehed illi d-dokument Dok. "JP7" a fol. 17 sa' 25 tal-proċess, huwa r-Risk Assessment li sar fir-rigward ta' Charmaine Spiteri. Iddikjara li dan ir-Risk Assessment *jinkludi numru ta' mistoqsijiet biex permezz ta' dawk il-mistoqsijiet inkunu nistgħu niddeterminaw il-persuna jew il-klijenta, x'tip ta' periklu qiegħda fih. Jiena kont involut f'dan il-każ appuntu biex isir ir-Risk Assessment fejn hemmhekk kienet is-Sinjura Spiteri li kienet allegat li fit-8 ta' Ottubru tas-sena 2020, kien hemm argument mas-Sur Adrian Baldacchino, fejn anke ħebb għaliha b'sikkina waqt li qed tipprova taħrab mill-argument. … L-iscoring tar-Risk Assessment ġie bħala 15 li huwa "high risk" u dan l-iscoring inħareġ minħabba ċertu fatturi li aħna nsejħulhom risk factors li dawn ovvjament inħarġu waqt li qegħdin nistaqsu l-mistoqsijiet lis-sinjura. … Bażikament kien hemm fear of further injury, access of weapons, f'dan il-każ minħabba tas-sikkina, strangulation attempts, sexual harassments, animal mistreat, alcohol use u anke mental health. Kien hemm anke wkoll bħala kontroll fuq is-sinjura. … Dawn jinħarġu mill-mistoqsijiet li huma parti mir-Risk Assessment u dawn huma wkoll qishom standards li aħna r-Risk Assessors nużaw biex nidentifikaw liema jkunu dawk l-affarijiet ta' ċertu importanza għar-Risk Assessment.* In kontro-eżami Redent Farrugia ddikjara li għall-finijiet ta' Risk Assessment huma jkellmu biss lill-allegata vittma u mhux lill-parti l-oħra għaliex ir-Risk Assessment isir għall-allegata vittma u fir-rigward ta' l-affarijiet l-oħra jridu jinvestigaw il-Pulizija. Dak affermat mir-Risk Assessor Redent Farrugia, ġie kkonfermat mir-**Risk Assessor Roberta Formosa**[14] li wkoll kienet involuta fir-Risk Assessment fir-rigward ta' Charmaine spiteri.

Mir-Risk Assessment jirriżulta li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Charmaine Spiteri dakinhar tat-8 ta' Ottubru 2020 kienet li *Ms. Charmaine Spiteri went to report a domestic violence incident at Msida Police Station against her partner Adrian Baldacchino. The risk assessment was done at the Police Headquarters. Ms. Spiteri explained to us that they had a meeting between flat owners to see who will take care of the administration. Ms. Spiteri claimed that she couldn't attend as she had to accompany her son. However, Ms. Spiteri was informed by another flat owner that Mr. Baldacchino refused to install some cameras in the common area and in the garage. When Ms. Spiteri asked the flat owner why? Allegedly the flat owner told her "Adrian qali għaliex ma jridx, għax jekk isawwat il-mara ma jridx ikun hemm provi ħabba l-Pulizija". Ms. Spiteri alleged that currently there is a situation between Mr. Baldacchino and another flat owner. Ms. Spiteri alleged that Mr. Baldacchino "jittanta nisa oħra" and Mr. Baldacchino is saying that it's not him but the other flat owner.*

---

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 68 u 69 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 70 u 71 tal-proċess.

*Moreover Ms. Spiteri claimed that she confronted Mr. Baldacchino about the cameras, but he denied that he said such things. Ms. Spiteri alleged that today (08/10/2020) had another argument. Ms. Spiteri claimed that during the argument 'ridt jiprova iħebb għalija". Ms. Spiteri alleged that she managed to escape and went to the lift. Ms. Spiteri alleged that while she was waiting for the lift, Ms. Spiteri saw Mr. Baldacchino with a knife "qabad ixerija". Ms. Spiteri said that she went down with the lift and after a while she went back to her flat where allegedly Mr. Baldacchino opened the door with the knife in his hand. Ms. Spiteri alleged that Mr. Baldacchino "ilu joħroġ bis-sikkina xi 3 ijiem". Over view: Ms. Spiteri explained to us that they have been together for 14 years and together they have an 11 year old son. Ms. Spiteri claimed that they started to have problems when she was pregnant. Allegedly, Mr. Baldacchino was physically aggressive towards her at that time. Ms. Spiteri alleged that she spoke to Mr. Baldacchino to end their relationship but allegedly he did not accepted it. Ms. Spiteri described him as "ardit" and "trid tgħaddi tiegħu". Ms. Spiteri alleged that Mr. Baldacchino has an alcohol problem "uncontrollable". Ms. Spiteri described Mr. Baldacchino "maħmuġ" as allegedly he did not take care of himself. Allegedly there were several attempts of strangulation in the past by Mr. Baldacchino. Ms. Spiteri claimed that Mr. Baldacchino was seen by a doctor and is taking a lot of nadirin to sleep*[15].

**L-Ispettur Joanna Piscopo**[16] xehdet illi *fit-8 ta' Ottubru tas-sena 2020, irrikorriet ġewwa s-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika ġewwa d-depot tal-Pulizija, ċertu Charmiane Spiteri fejn min-naħa tagħha stqarret illi dakinhar stess għall-ħabta tas-13:30p.m. kienet qiegħda tlesti fil-kamra tas-sodda fejn beda jħabbat il-bieb ta' barra, marret tiftaħ u daħal it-tifel tagħha Aidan ta' 12-il sena. Hekk kif ħarġet mill-kamra għax kellha appuntament għal xogħol, bdiet tlesti kif ukoll biex titfa' l-ikel ġol-kontenitur għax bdiet tipprepara l-lunch għat-tifel u wara li kienet għadha kemm temgħatu għax possibilment dak tagħtu jiekol, imbagħad bdiet tlestilu xi ħaġa oħra x'jiekol biex jekk jaqbdu l-ġuħ iktar tard, ikollu x'jiekol it-tifel. Dak il-ħin kien hemm ċertu Adrian Baldacchino li hi spjegat li kien il-parnter tagħha u qaltilna li kien fi stat ta' sakkra. Il-kwerelanta qaltilna li l-istat ta' sakkra saret xi ħaġa ta' kuljum għax kien qed ikun kuljum fis-sakkra għax hu għandu problema tax-xorb. Il-kwerelanta kompliet tgħidilna illi f'ħin minnhom, hi kienet qiegħdha tibgħat email għax ftit qabel kellhom laqgħa tal-komun u din f'dan l-email qalet "well done" lil wieħed mir-residenti ta' din il-blokka fejn jirrisjedu huma. Il-kwerelanta stqarret li dak il-ħin, ċertu Adrian Baldacchino li huwa l-partner tagħha, uża l-kliem u qalilha "ja liba, ħa taqbeż għalih?". Dak il-ħin mar jgħaġġel għaliha biex jerfa' idejh fejn dak il-ħin telqet tiġri u ħarbet il-barra. Charmaine kompliet tgħidilna illi dak il-ħin hi bdiet tibża', qabditha rogħoda tant li kienet nieżla t-taraġ u minflok it-taraġ għafset il-lift ukoll bi żball. Dak il-ħin, Adrian fetaħ u beda jxejjer sikkina kbira ta' Bialetti fid-direzzjoni ta' sid ir-residenza tal-flat numru 3. Hi qaltilna wkoll, qisu bla ma kompliet taħsibha, qaltlu li hi ma tibżax minnu. Hi spjegat ukoll illi x'ħin fetaħ il-lift, hi telgħet f'dan il-lift u kienet sejra fil-flat numru 3 u bil-fixla qisha ndunat x'se tagħmel u reġgħet telgħet il-fuq. Reġgħet ħabbtet il-bieb, kien mingħaliha li se jiftħilha t-tifel però mbagħad fetaħ Adrian. Dak il-ħin Adrian qalilha biex tagħtih iċ-ċwievet tal-karozza u hi qaltlu li ċ-ċwievet tal-karozza se nagħtihomlok meta inti tħallas il-kumplament tal-karozza. Imbagħad Charmaine, bil-fixla qabdet il-handbag u qabdet l-ispare key, qabdet iċ-ċavetta tal-garaxx u ħarbet mir-residenza tagħha u ġiet tagħmel ir-rapport, offrejnilha li jsir ir-risk assessment u*

---

[15] Fol. 24 u 25 tal-proċess.

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020, fol. 79 u 80 tal-proċess.

*sar ir-risk assessment, hemmhekk irriżulta 'high' bl-iscore ta' 15 kif spjegaw ukoll fix-xhieda ta' qabel ir-risk assessors imbagħad jiena aktar tard ordnajt illi Adrian jiġi arrestat. Minn hemmhekk, Adrian itteħditlu l-istqarrija kif ukoll kien tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat Dr. Neville Camilleri.*

Waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021, l-Ispettur Joanna Piscopo[17] esebiet is-sikkina li l-imputat allegatament kellu mgeżwra f'sarvetta u li kien qed iġorrha miegħu jew iħalliha fuq is-shoe cabinet meta jkun id-dar, u li xejjer meta Charmaine Spiteri ħarbet mid-dar l-ewwel darba dakinhar tat-8 ta' Ottubru 2020. Din is-sikkina tinsab immarkata bħala Dok. "GVX".

**L-imputat[18]** xehed illi *erbatax-il sena ilu jiena ltqajt magħha* (ossia ma' Charmaine Spiteri), *wara ftit kienet ħarġet tqila li ma nafx jekk hux minn tiegħi, missierha bagħtha l-Ingilterra biex tagħmel abort, damet hemmhekk 8 ġimgħat u mill-ewwel qaluli u kelli indikazzjoni illi din m'għandekx x'tambiha lil din il-mara. Ġiet mingħajr flus, mingħajr ħwejjeġ u b'xejn ġiet din. Insomma jiena webbist rasi, tal-familja u ħbieb dejjem jgħiduli imma jiena webbist rasi u llum ġejt fiex ġejt.* L-imputat iddikjara li fir-relazzjoni tagħhom Charmaine Spiteri dejjem taqbad miegħu. Xehed ukoll illi huma għandhom żewġt itfal iżda wieħed minnhom miet meta kellu biss xahrejn u fir-rigward ta' Charmaine Spiteri jgħid *il-pirmli żdiedu, hi tmur għand żewġ psikjatri, jiena ma stajtx inlaħħaq magħha għaliex il-ġlied li kelli kien kbir u sifirtha kemm-il darba biex tfiq.* Xehed illi huwa f'dan il-perijodu kellu naqra problema ta' alkoħol iżda fir-rigward ta' Charmaine Spiteri *wara dak l-inċident imbagħad hi baqgħet serja għall-agħar. Tisjir qatt u xogħol qatt. Issa din jiema dejjem ridtilha l-ġid u daħħaltha fil-kumpanija tażżejt. … Fallietha. Tiġi l-uffiċċju ħlief taqlib ma ssibx, karti ma teħodlix ħsieb, daħħaltha f'nofs garaxx, daħħaltha f'nofs il-post, flus ma kellha xejn tinsiex, biex tagħtni €8,000 xahrejn ilu kelli nagħtiha karozza €116,000 biex neqlibielha.*

Fir-rigward ta' dak li nqala' fit-8 ta' Ottubru 2020, l-imputat xehed illi *fil-komun hemm daqsxejn ta' problemi bejn il-ġirien. Bħal kulħadd aħna miksurin minn ma' tnejn fil-komun. Ħi niżlet u jiena ma nżiltx isfel. … Imma din ġrat jumejn qabel għax il-problema bdiet minn jumejn qabel. Hi qed tgħid li jiena għidt lil wieħed minnhom, dan li ma jitkellmux jiġifieri, illi jiena l-cameras ma rridhomx ħalli inkun nista' nsawwatha lil Charmaine ħalli ma ninqabadx bil-cameras. … Telgħet fuq, jiena kont bi kwieti u bdiet tgħajjat u twerżaq u toffendini u għidtilha tgħajjatx għax mhux veru għidtlu hekk jien. Tinsiex aħna miksurin minn ma' dawn imma hu qalilha hekk u hi daħlet f'moħħha illi vera għitdlu hekk u din baqgħet għaddejja jumejn. Trouble kbir. … Hi riditni illi ninżel u noqtlu. L-iskop tagħha kien li ninżel u noqtlu. … Jiena għidtilha illi jiena m'għandix x'naqsam u għidtilha biex ma temmnux. Imma le, hi mhux hekk riedet. Hi riditni ninżel u noqtlu. … Għax hu qal dan il-kliem li hi ppretendiet illi jiena għandi ngħidlu xi ħaġa. Għidtilha inti temmnux, oqgħod kwieta, tgħajjatx u ssabbat il-bibien. … Jiena jekk jista' jkun, it-trouble nevitaħ.* L-imputat ikkonferma li hu u Charmaine Spiteri kellhom problemi mal-persuni l-oħra li jużaw il-garages u żied jixhed li *nsalu għal dik il-ġurnata tat-8 ta' Ottubru fejn it-trouble ma seta' jaqta' xejn. Jiena ngħidilha hekk u hi tgħidli hekk. Fis-13:00p.m. nirċievi telefonata u qaltli illum ma torqodx id-dar. … Mingħand Charmaine Spiteri. … dejjem bit-theddid hekk. L-għassa ta' l-Imsida dardritha u ma nkun qed nagħmel xejn. … kont ngħidilha lura għaliex kemm tiflaħ taqla' meta jiena qed nagħmillek tant tajjeb. Dik minħabba d-depression li kellha, xtrajtilha kelba*

[17] Fol. 84 tal-proċess.
[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2021, fol. 86 sa' 99 tal-proċess.

*€2,000 ġibtielha mill-Italja u kif ratha kibret naqra oħra xtrajtilha kelba ohra €2,000 oħra, €4,000 klieb b'kollox għaliex jgħidu li jneħħu d-depression. Sifirtha.* L-imputat ċaħad li huwa qatt sawwat il-klieb kif affermat minn Charmaine Spiteri - *jiena lanqas qatt ma sawwat lill-klieb. Jiena jafuni ta' ma' ġenbi għaliex nagħlef anke l-ħamiem.*

Fuq dak li ġara dakinhar tat-8 ta' Ottubru 2020, l-imputat xehed illi *ħriġt għax-xogħol, sadanittant irċevejt it-telefonata mingħandha, ġejt lura u bdiet terġa' tpatpat u tpatpat. Jiena kont qed insajjar is-soltu għax jiena nsajjar għax hi ma issajjarlix, hi ħwejjeġ ma tgħaddilix, kont inġibilha 3 darbiet seftura dik għal biċċa flat imma xi trid tagħmel. Hi tgħid li tbati mid-depression u tmur għand żewġ psikjatri. ... Jiena kont qed insajjar, forsi lletikajna dik in-naqra u hi qed tgħid illi ħebbejt għaliha. ... Hi qabdet u ħarġet il-barra, reġgħet ġiet, tlabtha ċ-ċavetta tal-karozza jiena għax il-karozza kienet ħwejġi, dik ħwejġi u ħaditieli issa biex tagħtni €8,000. Biex tagħtni €8,000 kelli ntiha karozza ta' €116,000, tajjeb hekk mort. ... reġgħet ġiet ħadet l-ispare key u ħarġet u jiena kilt normali.* Fir-rigward jekk għamilx mossi bis-sikkina fil-konfront ta' Charmaine Zammit, l-imputat xehed illi *le, le, lanqas xejn. Lili fis-13:00p.m. avżatni u qaltli inti llejla ma torqodx hawn. Jiena ma bsartx illi se tasal s'hawn.*

Dwar il-problema ta' l-alkoħol l-imputat iddikjara li *kelli mmur is-Sedqa u mort, kelli mmur privat u mort. Qed nagħmel minn kollox imma dawn qed jgħiduli ukoll għax jiena la ġo bars ma mmur, jiena mix-xogħol għall-garaxx u mill-garaxx għad-dar. Jiena fis-13:00p.m. nkun id-dar. Jiena ma mmur imkien lanqas ġo bars jew immur niġġerra barra jew qatt xi darba qlibtielha jew xi ħaġa. Jiena ma nagħmel xejn.* L-imputat ikkonferma li llum qed jiġi segwit għal din il-problema li għandu u żied jgħid li *dak qed nagħmlu privat issa ħalli żgur jekk għandi zi ħaġa ħażina jiena nsolviha. Imma magħha ma ssolvi xejn. Magħha taf x'solvejt? Illi kont il-ħabs, marret issib lin-nies li għandhom ituni, ħaditilhom iċ-ċekkijiet.*

In kontro-eżami l-imputat xehed illi *jiena m'għandix problema ta' l-alkoħol għaliex jiena l-ewwel nett issa qed nagħmel il-programm u qed nieħu l-pirmli neċessarji. ... Bhal' issa għaddej bil-programm. Għandi lil Anabelle Bugeja u għandi lill-Professur Dimech.* L-imputat ċaħad li s-sikkina esebita fl-atti kienet tinżamm minnu fuq is-shoe cabinet u li kien hedded lil Charmaine Spiteri biha. Iddikjara wkoll li għalkemm Charmaine Spiteri għadha taħdem miegħu, tgerfix biss hemm. Mistoqsi jekk qattx għamel rapporti fil-konfront ta' Charmaine Spiteri, l-imputat wieġeb *lanqas qatt m'għamilt rapport però l-Pulizija kienu qed jgħiduli biex lil din il-mara nħarabha għax dik se tgħallini. Qaluli biex noqgħod attent minnha għax dik għalxejn. Taqbad u tagħtiha s-siegħa u fil-fatt ħarġet u issa kieku jiena attakkajtha b'sikkin din kienet se terġa' titla' għall-ispare key? Telgħet għall-ispare key, ħarġet normali fit-15:00p.m., fid-20:45p.m. ġew il-Pulizija għalija imbierek Alla fejn sabuni rieqed u qaluli biex immur magħhom.* L-imputat caħad li dakinhar tat-8 ta' Ottubru 2020 huwa kien fis-sakkra.

Mistoqsi mid-difensur ta' Charmaine Spiteri jekk jiftakarx li huwa kien tressaq quddiem il-Maġistrat Yana Micallef Stafrace, l-imputat wieġeb li iva u li l-każ kien dwar il-fatt li hu u Charmaine Spiteri jillitikaw u kkonferma li huwa kien instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Mistoqsi jispjega għalfejn in-nies kienu jgħidulu li Charmaine Spiteri se tgħallih u għalfejn il-Puliżija kienu jagħtuh il-paririr, l-imputat wieġeb *għax jiena din la qatt sawwattha, dejjem tajtha l-flus u kienet miegħi għall-flus. Jekk kienet miegħi, għall-flus. Xandritni ma' kulħadd u issa jiena nerga' ngħidlek, hi qed tgħid illi jiena kelli din is-sikkina. Din mara li ma issajjar qatt. Din ħlief take-aways*

*id-dar ma nieklux. La tgħaddi l-ħwejjeġ u jekk se nilbes qalziet, tgħaddihuli kwarta qabel. Kienet iġġib seftura biex tgħaddilha l-ħwejjeġ, tliet darbiet fil-ġimgħa sefturi. Xi rrid nagħmlilha iktar lil din il-mara?* Fir-rigward ta' l-interventi tal-Pulizija, l-imputat xehed illi *din filli kienet taqbda tgħajjat, taqbad il-mobile u ċċempel l-għassa. Jiġu l-Pulizija u ma jsibu trouble imkien u la jsibu tkissir u ma jsibu xejn.* Għall-mistoqsija *mela inti għedtilna li qatt ma kellek inċidenti u qatt m'erfajt idejk fuqha imma l-Pulizija jagħtuk dawn il-pariri. Ara ngħidlekx sew li inti kemm-il darba jiġu l-Pulizija għalik wara li tidħol fis-sakkra u tagħmel xenata d-dar? Tant hu hekk illi darba minnhom għamlit taħtek, għamiltilha pipi fuq is-sufan u kellhom jiġu l-Pulizija. Xi tgħid dwar dan?* l-imputat wieġeb *jiena ma nafx dan li qed tgħid init għaliex hi tgħid ħafna affarijiet. ... Jiena għalija ma niftakarhomx dawn l-affarijiet.* Mistoqsi *inti ma tiftakarx kemm-il inċident ġew il-Pulizija minn qabel l-ewwel darba li ġejt arrestat? Kemm-il inċident kien hemm illi kellhom jintervjenu l-Pulizija?* L-imputat wieġeb *jekk hi ċċempel għalxejn.* Mistoqsi kemm-il darba ċċempel, l-imputat wieġeb *emminni ma nafx imma kwantità kbira. ... Minn wara li miet it-tifel bdiet iċċempel ħafna iktar. ... Ilu 3 snin issa.*

L-imputat ikkonferma li waqt l-inċident tat-8 ta' Ottubru 2020 kien hemm it-tifel tagħhom ta' tnax-il sena fil-kamra tiegħu qed jilgħab. Iddikjara wkoll li dak kollu li xehdet dwaru Charmaine Spiteri kien invenzjoni da parte tagħha u li ħafna mir-rapporti li kienet tagħmel kienu foloż: *għax din tgħidli hi stess - illejla inti trid toħroġ minn hawn u qed tagħmilieli ċara li inti trid toħroġ minn hawn. Voldieri din pjanata kienet. Daqskemm bdiet tieħu ħsieb ix-xogħol. Qed tgħidli qiegħda miegħi fil-kumpanija; x'qiegħda miegħi fil-kumpanija? Inġiblek l-awdituri, intellagħhom xhieda hawnhekk u jgħidulek li din xejn m'qed tagħmel u din xejn m'qed tipprepara.* In fine l-imputat ikkonferma wkoll li huwa għandu Ordni ta' Protezzjoni impost fuqu għas-salvagwardja ta' Charmaine Spiteri.

**L-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja**[19] ħejjiet Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat, liema rapport ġie minnha kkonfermat u esebit bħala Dok. "AB" a fol. 110 sa' 132 tal-proċess, xehdet illi *jiena bħala uffiċjal tal-probation ilni insegwi lis-Sur Baldacchino hawnhekk mis-26 t'Ottubru tas-sena 2020 u dan wara li ngħata Ordni ta' Trattament mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace fuq każ simili għal dan. Huwa każ ta' vjolenza domestika wkoll fejn il-vittma hija l-istess, Charmaine Spiteri. Li rrid ngħid Sinjura Maġistrat u dan anke ħareġ mir-rapport illi kkumpilajt hija illi s-Sur Baldacchino jippreżenta lilu nnifsu bħala persuna li għandu bżonn ħafna għajnuna u li jrid din l-għajnuna, imma mbagħad fl-istess ħin, tant hu ta' ftit kliem illi bla ma jrid ma jħallikx taħdem miegħu. Ma nistgħux nindirizzaw problema mingħajr ma din il-problema tiġi spjegata b'mod ċar u biex nagħti anke daqsxejn eżempju, jiena matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, apparti illi intervistajt lill-uffiċjal prosekutur u anke lill-key worker illi qed issegwih min-naħa tas-Sedqa, intervistajt ukoll lis-sieħba tiegħu bħala l-vittma tal-każ u bħala anke s-sieħba tiegħu, lis-sinjura Charmaine Spiteri, kif ukoll lil huh, lis-Sur Randolph Baldacchino u qisu l-verżjonijiet kienu pjuttost kunfliġġenti. Per eżempju, biex naghti eżempju, fir-rigward ta' trobbija, Adrian u ħuh Randolph jgħidu illi kellu trobbija tajba mentri Charmaine, li ilha f'relazzjoni miegħu għal erbatax-il sena, tgħid illi ġieli fetaħ qalbu magħha illi t-trobbija tiegħu kienet waħda verament ħażina. Fejn jidħol per eżempju l-abbuż tax-xorb, Adrian jgħid illi jieħu flixkun wieħed kuljum mentri kemm ħuh kif ukoll Charmaine jgħidu illi l-abbuż huwa wieħed ħafna aktar. Xi ħaġa oħra illi qisha ma tantx tagħmel sens mal-verżjoni*

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2021, fol. 103 sa' 109 tal-proċess.

*ta' Adrian hija illi minkejja illi hu jsostni illi jixrob flixkun jew tnejn kuljum, fl-istess ħin irrikorra għand il-psikjatra Dr. Dimech u anke ġie preskritt lilu l-mediċina tal-Antabuse u din hija mediċina li tingħata għall-vizzju akut. Sfortunatament, ma setax jiġi intervistat Dr. Dimech minħabba illi saru diversi tentattivi iżda ma setax isir kuntatt miegħu u għaldaqstant, dan l-aspett qisu ma setax jiġi indirizzat. Xi ħaġa oħra li per eżżempju ma ħarġitx mis-Sur Baldacchino meta ġie intervistat, meta ġie mistoqsi fuq ir-relazzjoni illi kellu ma' Charmaine, kien ta' ftit kliem, beda jsostni illi l-abbuż mhux minn dejjem kien hemm imma ma setax jiġi deċifrat żmien partikolari meta dan l-abbuż qisu żdied fil-konsum. ... abbuż fuq l-alkoħol u anke meta saret l-intervista mal-vittma, qisu ma kienx hemm punt partikolari, hemm indikazzjoni imma mhux ċara qisu inċident partikolari illi minn hemm qisu qabad in-niżla. Per eżempju xi ħaġa oħra li s-Sur Baldacchino ma tkellimx dwarha u nemmen illi dan l-inċident ħalla l-konsegwenzi tiegħu fuq l-aspett emozzjonali kienet il-mewt tat-tifel tiegħu madwar 3 snin ilu illi miet fl-età ta' xahrejn u nofs. Is-Sur Baldacchino lili ma spjegalix b'din il-mewt imma kienet il-vittma illi qaltli biha. Jiġifieri li qed nipprova nispjega Sinjura Magistrat, huwa illi jippreżenta lilu innifsu bħala persuna illi verament jixtieq l-għajnuna u ilna minn mindu ngħatat l-Ordni ghat-Trattament nippruvaw nagħtu l-għajnuna jiġifieri ġie riferut Sedqa, għadu fil-fażi inizzjali imma għajnuna naqra naqra qed jingħata, dejjem attenda l-uffiċċju jiġifieri dejjem ikkopera fejn tidħol attendenza u anke kampjuni tal-urina. Però Sinjura Maġistrat, kif qed ngħidu, ma nistgħux nagħtu għajnuna holistika jekk is-Sur Baldacchino ma jispjegax eżatt minn xiex inhu għaddej u t-turbalenzi tiegħu.*

Dwar il-mewt tat-tifel iż-żgħir ta' l-imputat u Charmaine Spiteri, l-Ufffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja xehdet ulterjorment illi Charmaine Spiteri *ma spjegatlix eżattament iċ-ċirkostanzi illi sabu lit-tifel mejjet. Hi spjegatli biss illi kellhom tifel, twieled fis-sena 2017 u miet ta' xahrejn u nofs u qisu l-punt tiegħi kien illi nassumi illi dan huwa inċident li jħalli impatt fuq il-persuna u jekk il-professjonisti, mhux jiena, ma jkunux jafu dak li jkun it-toqol li qed iġorr, ma nistgħux nagħtu l-għajnuna li għandu bżonn.* L-Uffiċjal tal-Probation iddikjarat li l-imputat ma qalilha xejn fir-rigward dwar jekk in segwitu għall-mewt tat-tifel fittix u ngħatax għajnuna. Xehdet ukoll illi *semmieli l-mewt ta' ħuh. Fil-bidu semmihieli vera b'mod ġenerali u kellu jiġi ssikkat ftit biex anke jitkellem ftit żgħira. Xorta ma ħarġux xi dettalji kbar imma almenu spjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-mewt ta' ħuh.* Fir-rigward tal-business tiegħu, l-Uffiċjal tal-Probation iddikjarat li ħu l-imputat, Randolph Baldacchino, ma qalilha xejn iżda Charmaine Spiteri spjegatilha li qegħdin fil-business flimkien u li tieħu ħsieb kollox hi. Mistoqsija jekk Charmaine Spiteri qaltilhiex li kellhom kumpannija taż-żejt iżda li din falliet, Anabel Bugeja wieġbet li ma qaltilha xejn fir-rigward.

Dwar ix-xorb da parte ta' l-imputat, l-Uffiċjal tal-Probation spjegat illi Charmaine Spiteri qaltilha li l-imputat jabbuża mill-birra u li filwaqt li l-imputat qalilha li jieħu minn flixkun sa' tnejn birra kuljum, ħuh qalilha li *lil Adrian ma nċempillux wara s-siegħa minħabba illi jkun imdamdam ... Wara s-siegħa ta' wara nofsinhar u skont Charmaine, Adrian iqatta' l-ġurnata tiegħu f'garaxx li għandu u dan il-garaxx, issa jiena m'għamiltx home visit minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija, imma skont Charmaine, dan il-garaxx huwa mimli fliexken vojta tal-birra u tal-ispirti.* Fir-rigward ta' għajnuna offruta lill-imputat minn Charmaine Spiteri u minn ħuh Randolph Baldacchino, l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja ddikjarat li *jidher illi huma t-tnejn offrewlu l-għajnuna, il-vittma daqsxejn iktar minn ħuh. Ħuh qisu dejjem ikun hemm ta' support u lest biex jisma' mentri Charmaine spjegat illi hi kemm-il darba talbitu biex ifittex l-għajnuna u anke, hi stess, għamlet il-kuntatti neċessarji sabiex jibda l-kuntatt mal-*

*psikjatra Dr. Dimech. Issa din xi haġa oħra li ma qablitx għaliex matul il-kumpilazzjoni, Adrian spjega illi kienet ommu illi ħaditu għand il-psikjatra u din hija xi haġa illi qisha m'għamlitx sens. ... Fir-rigward ta' ħuh, ma ġietx diskussa wisq* (ossia r-relazzjoni ta' bejniethom) *minħabba illi meta saret l-intervista biex timtela' l-parti tal-familja tal-oriġini, kien verament xott. ... Adrian. Fir-rigward ta' Charmaine, spjega daqsxejn iktar fid-dettall, mhux xi dettall estensiv imma kien daqsxejn iktar dettaljat minn tal-oriġini. ... Adrian ma tax dettalji rigward ir-relazzjoni illi għandu ma ħuh però, aħna fil-bidu tar-rapport nitolbu lill-persuna li jkun qed isir ir-rapport fuqha, min hu l-eqreb qarib u Adrian mill-ewwel semmieli lil Randolph Baldacchino u tani l-mobile number tiegħu. Staqsejtu jekk hijiex problema li nċempillu biex nagħmlu intervista u Adrian mill-ewwel aċċetta jigifieri ġieli jkun hemm ċertu reżistenza imma fil-każ ta' Adrian, aċċetta mill-ewwel. ... Adrian ma qalx il-kliem preċiż li għandu relazzjoni tajba ma' ħuh imma meta ġie mistoqsi min hu l-eqreb qarib fil-preżent, anke given li bħalissa b'Ordni ta' Protezzjoni fir-rigward tas-sieħba jew tal-ex-sieħba tiegħu, Adrian mill-ewwel semma' lil Randolph.*

Ikkunsidrati l-provi prodotti, il-Qorti ser tgħaddi biex tittratta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa il-Pietà u diversi postijiet tal-gżejjer Maltin ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Charmaine Spiteri biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222, b'użu ta' arma, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1) u 251H(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Mallta.

Dwar ir-reat previst fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-elementi kostituttivi ta' l-istess ġie diversi drabi enunċjat mill-Qrati nostrali li: *ir-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliż "harassment") ġie introdott għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251Ċ u 251D tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. ... Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3)(ċ) il-liġi tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiebda kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251Ċ hu provdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill-persuna ...* ***U imbagħad l-artikolu 251B***[20] *joħloq ir-reat ta' min bl-imġieba tiegħu jikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża' kull darba minn dawn l-okkażżjonijiet. ... Hawnhekk jidħol l-istess kriterju enunċjat fl-art. 251A u cioè li persuna li l-imġieba tagħha tkun dubjuża ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaġuna biża' fħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażżjoni jekk persuna raġjonevoli li*

[20] Enfasi ta' din il-Qorti.

*jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażżjoni. Jiġifieri hawn it-test huwa wieħed oġġettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f'dan l-artikolu l-iskużanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imġieba addottata mill-persuna akkużata kienet waħda raġjonevoli għall-ħarsien tagħha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor. Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-gudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet ta' l-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dan it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati u delikati. ... it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose". Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.06.07]:- "... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien"*[21].

Dwar dan l-aħħar element tar-ripetizzjoni ta' l-aġir li jista' joħloq f'ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis, Appell Kriminali Nru. 337/08** deċiża fl-24 ta' April 2009, osservat li aġir li jseħħ f'inċident wieħed qatt ma jista' jammonta għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu: *dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 ta' l-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B tagħna - u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet - jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." ... Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażjonijiet - proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża "on at least two occasions". Għal xi raġuni - fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika - il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remained to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the*

---

[21] Il-Pulizija v. Neil Attard, Każ Nru. 655/09 deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Diċembru 2014; Il-Pulizija v. Raymond Parnis, Appell Kriminali Nru. 97/09 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2009.

*need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct… It was recognised, however that circumstances can be conceived "where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…".*
Meta l-fattispecie tal-każ in eżami hekk kif jirriżultaw mill-provi prodotti jiġu ikkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' tali reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Ix-xhieda ċentrali f'dawn il-proċeduri huma Charmaine Spiteri u l-imputat. Il-fatt li entrambe kienu f'relazzjoni li damet ben erbatax-il sena ma huwiex kontestat. Filwaqt li Charmaine Spiteri tafferma li l-imputat huwa abbużiv fil-konfront tagħha u jkun fi stat aggressiv speċjalment meta jkun fis-sakra, ħaġa din li sfortunatament hija ta' kuljum, l-imputat ċaħad li għandu problema ta' xorb, ċaħad li huwa aggressiv lejn Charmaine Spiteri u afferma li hija l-istess Charmaine Spiteri li hija imqabbda miegħu u li tagħmel rapporti foloz kontrih bil-għan aħħari titfgħu l-barra mir-residenza tagħhom.

Wara li kkunsidrat ix-xhieda ta' Charmaine Spiteri u ta' l-imputat bir-reqqa kif ukoll wara li kkunsidrat dak li rriżulta mill-provi l-oħra prodotti, il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Charmaine Spiteri hija ferm iktar kredibbli mill-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imputat. Charmaine Spiteri tat spjegazzjoni ċara u dettaljata kemm ta' dak li seħħ fit-8 ta' Ottubru 2020 kif ukoll fil-ġranet preċedenti u ta' l-aġir ta' l-imputat meta jkun fis-sakkra, ħaġa din li, jiġi ribdait, sfortunatament hija ta' kuljum. Charmaine Spiteri baqgħet konsistenti fil-verżjoni tagħha dwar ir-relazzjoni turbolenta tagħha ma' l-imputat, turbolenza din kawżata mill-problema akuta ta' abbuż ta' xorb li għandu l-imputat, kemm meta għamlet ir-rapport mas-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika[22], kemm meta sarilha r-Risk Assessment[23] kif ukoll meta xehdet quddiem il-Qorti[24]. Ix-xhieda tagħha fil-fatt turi imġieba da parte ta' l-imputat li toħloq fiha biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħha u anke fil-konfront ta' binhom minuri ta' tnax-il sena, imġieba din konsistenti f'tgħajjir kontinwu u għal kull ħaġa ta' xejn, aggressività u swat - tant illi ħmistax qabel l-aħħar inċident fit-8 ta' Ottubru 2020, l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Charmaine Spiteri li ma ġietx minnha rrappurtata biex ma tkomplix iżżid kawżi l-Qorti. L-imġieba ta' l-imputat saret iktar manċċjuża u b'hekk is-sitwazzjoni ġiet aggravata, aggravju del resto kontemplat fl-Artikolu 251H(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta għamel ben tlett ijiem qabel it-8 ta' Ottubru 2020 jdur b'sikkina imgeżwra f'sarvetta u jgħid li Charmaine Spiteri biex ma tmissx is-sarvetta għax hemm sikkina fiha, anke kkonfronta lil Charmaine Spiteri b' sikkina waqt l-argument li kellhom fit-8 ta' Ottubru 2020. Is-sikkina mgeżwra fis-sarvetta ġiet elevata mill-Pulizija minn fuq shoe cabinet li hemm barra l-bieb ta' l-appartament ta' l-imputat u ta' Charmaine Spiteri, proprio fejn Charmaine Spiteri ripetutament qalet li kienet qed tinżamm din is-sikkina meta l-imputat ma kienx qed iġorrha miegħu.

---

[22] Vide Current Incident Report datat 8 ta' Ottubru 2020, esebit bħala Dok. "JP8" a fol. 26 sa' 29 tal-proċess, xhieda ta' PS583 Evan Grech mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 66 u 67 tal-proċess u xhieda ta' l-Ispettur Joanna Piscopo mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020, fol. 79 u 80 tal-proċess..
[23] Vide Risk Assessment esebit bħala Dok. "JP7" a fol. 17 sa' 25 tal-proċess u xhieda tar-Risk Assessors Redent Farrugia u Roberta Formosa mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 68 u 69 tal-proċess u fol. 70 u 71 tal-proċess.
[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 43 sa' 55 tal-proċess.

Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li persuna raġjonevoli rinfaċċjata b'din l-istess tip ta' imġieba ripetuta, minn persuna per di più dejjem fis-sakkra, u bl-informazzjoni mogħtija minn Charmaine Spiteri, fejn addirittura bdiet tinġarr 'l hemm u 'l hawn sikkina, taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.

Da parte tiegħu l-imputat jiċħad li għandu problema ta' xorb u li huwa aggressiv lejn Charmaine Spiteri u jikkontendi li hija l-istess Charmaine Spiteri li hija imqabbda miegħu u anke ssawtu u li kontinwament tagħmel rapporti foloz fil-konfront tiegħu tant illi, fi kliemu stess, *l-għassa ta' l-Imsida dardritha u ma nkun qed nagħmel xejn. … din filli kienet taqbda tgħajjat, taqbad il-mobile u ċċempel l-għassa. Jiġu l-Pulizija u ma jsibu trouble mkien u la jsibu tkissir u ma jsibu xejn.* Iżda mill-provi jirriżulta li għalkemm għall-ewwel huwa ċaħad li għandu problema ta' abbuż ta' xorb, fl-istess ħin ammetta li qed jieħu l-għajnuna u l-kura meħtieġa għal tali sitwazzjoni biex, fi kliemu stess *ħalli żgur jekk għandi zi ħaġa ħażina jiena insolviha.* Il-problema akuta ta' xorb li għandu l-imputat tirriżulta wkoll mix-xhieda l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja u mis-Social Inquiry Report tagħha fir-rigward ta' l-imputat. In effetti huwa ferm diffiċli li l-imputat jitwemmen li ma għandux problema ta' abbuż ta' xorb, liema problema fil-fatt hija waħda akuta, meta ħuh stess stqarr ma' l-Uffiċjal tal-Probation li lill-imputat ma jċempillux wara s-siegħa ta' wara nofsinhar għaliex ikun imdamdam u meta l-mediċinali li qed jingħata mill-Psikjatra tiegħu jiġu preskritti proprio f'każijiet ta' abbuż akut ta' xorb. Għalkemm l-imputat jikkontendi li r-rapporti li Charmaine Spiteri tagħmel kontrih huma kollha foloz u l-Pulizija qatt ma sabu xejn, anzi addirittura Charmaine Spiteri dejqithom tagħmel rapporti foloz fil-konfront tiegħu, mill-fedina penali ta' l-imputat annessa mas-Social Inquiry Report redatt mill-Uffiċjal tal-Probation u anke mir-Rapport tagħha, jirriżulta li l-imputat già tressaq fuq każijiet ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' Charmaine Spiteri fejn fost imputazzjonijiet oħra ġie akkużat bir-reat previst fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u li nstab ħati ta' l-istess.

Il-Qorti għalhekk tirribadixxi li hija ferm iktar kredibbli l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Charmaine Spiteri milli l-iskużi li ressaq l-imputat fix-xhieda tiegħu, xhieda li hija inkonsistenti u addirittura ġiet imxejna b'provi oħra prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri, u għaldaqstant ġie ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

**It-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa il-Pietà u diversi postijiet tal-gżejjer Maltin naqas li josserva jew kiser xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nħareġ fl-10 ta' April 2019 mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Charmiane Spiteri għall-perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sas-sentenza finali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn eżami ta' l-atti proċesswali u tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta immedjatament evidenti li l-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront tiegħu u dana għar-raġuni li l-Prosekuzzjoni ma esebietx l-Ordni ta' Protezzjoni li l-imputat qed jiġi akkużat bil-ksur tiegħu. Fin-nuqqas ta' din il-prova hekk ċentrali l-Qorti la tista' tiddetermina li bħala fatt fl-10 ta' April 2019 effettivament kien inħareġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-

salvagwardja ta' Charmaine Spiteri u wisq inqas ma tista' tiddetermina li l-imputat effettivament kiser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet li setgħu ġew imposti fuqu b'tali Ordni ta' Protezzjoni. Il-fatt li l-imputat irrikonoxxa li qabel l-Ordni ta' Protezzjoni li nħareġ f'dawn il-proċeduri, huwa già kien qiegħed taħt Ordni ta' Protezzjon ieħor, ma jsolvix dan in-nuqqas da parte tal-Prosekuzzjoni u dana billi ma jistax jinstilet għal liema Ordni ta' Protezzjoni qed issir referenza, jekk kienx ghadu fis-seħħ fiż-żmien in kwistjoni u per di più x'kondizzjonijiet seta' kien hemm imposti fih.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Police v. Jeremiah Ani** deċiża fl-14 ta' Lulju 2020. F'dawk il-proċeduri l-imputat kien ġie *inter alia* akkużat bil-ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront tiegħu iżda, għalkemm kien hemm fotokopja ta' l-Ordni esebita fl-atti (u mhux assolutament xejn bħal ma hu l-każ fil-każ in eżami) il-Qorti ta' l-Appell illiberatu minn dik l-imputazzjoni. Dik il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *the Court made reference to the records of the proceedings from where it transpires that the Protection Order was really an informal photocopy of a purported original document. This document was not duly authenticated. Moreover the Prosecuting Officer who was prosecuting the case where the Protection Order was eventually issued never took the stand to confirm the same and if needed the identity of the person subject to the said Protection Order. Neither does it result from the records of the proceedings that the Registrar of Courts or the Deputy Registrar attached to the Court which issued the Protection Order ever took the stand in order to confirm the authenticity of the Protection order at fol 17. Furthermore, neither had it been proved beyond reasonable doubt that the said Protection Order was effective at the time of these allegations and this owing to the fact that no evidence was brought as to whether an appeal was ever lodged with regards to the judgement awarding the Protection Order at issue, in which event, the application of the order would have been held in abeyance until the Court of Appeal decided the matter at hand, lest a provisional one would have been issued – and which was not shown to have been the case. It is true that statements have been made about the application or imposition of the Protection Order by some of the witnesses tendering evidence in this case but this Court is of the opinion that it needs further and official confirmation of the order imposed and the application thereof at the time of the alleged offences in order to uphold its breach.*

La b'fotokopja ta' Ordni maħruġ mill-Qorti persuna ma tistax tinstab ħatja ta' ksur ta' dak l-Ordni u dana għar-raġunijiet indikati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza appena ċitata, isegwi u huwa ferm ovvju li fl-assenza totali ta' l-Ordni - fil-każ in eżami ta' Ordni ta' Protezzjoni - fl-atti proċesswali, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ksur ta' dak l-Ordni.

Fid-dawl ta' dan appena osservat għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-istess imsemmija imputazzjoni.

**It-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar it-8 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 13:30hrs ġewwa l-Pietà, ħebb għal Charmaine Spiteri sabiex jinġurjaha, iddejjaqha u jagħmillha ħsara b'xi mod, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Charmaine Spiteri, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'referenza għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet il-prova ċentrali hija x-xhieda ta' Charmaine Spiteri minn liema jirriżulta li dakinhar tat-8 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta tas-13:30hrs, l-imputat waqt li kien qiegħed ġewwa r-residenza fejn kien hemm ukoll l-imsemmija Charmaine Spiteri huwa beda jgħajjarha b'ħafna kliem ħażin u dispreġġjattiv u x'ħin kellhom xi jgħidu fuq kwistjonijiet li qamu waqt Comdominium Meeting tal-ġurnata ta' qabel, l-imputat ġera lejn Charmaine Spiteri u hija ħarbet minn ħdejh biex tevita li taqla' xebgħa. Apparte minhekk x'ħin Charmaine Spiteri ħarġet mid-dar, l-imputat mar fil-bieb tar-residenza tagħhom b'sikkina f'idu u x'ħin ftit tal-ħin wara Charmaine Spiteri ħabbtet il-bieb tar-residenza, l-imputat meta fetħilha l-bieb reġa' kien bis-sikkina f'idu.

L-imputat jiċħad li pprova jħebb għal Charmaine Spiteri u qal biss li huma llitikaw bejniethom. Bl-istess mod ċaħad li għamel għaliha bis-sikkina, iżda sempliċement qal li peress li kien qed isajjar, dak il-ħin kellu sikkina f'idejh.

Il-Qorti già osservat li l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Charmaine Spiteri hija ferm iktar kredibbli mill-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-imputat u għaldaqstant tqis li l-Prosekuzzjoni effettivament irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-imputat huwa ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-piena:**

Għall-finijiet ta' piena, il-Qorti filwaqt li ma tistax tinjora l-portata ta' l-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u l-fatt li din ma kenitx l-ewwel darba li tressaq fuq akkużi simili, tħoss li għandha tagħti importanza lil dak osservat mill-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja fis-Social Inquiry Report tagħha, inkluż l-opinjonijiet ta' Charmaine Spiteri u tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll ta' ħu l-imputat, Randolph Baldacchino, fir-rigward ta' piena eventwali li tiġi imposta fuq l-imputat f'dan il-każ.

Fir-rigward l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja osservat illi *Adrian Baldacchino jinsab imputat li fit-8 t'Ottubru 2020 kkaġuna biża' lil Charmaine Spiteri bl-użu ta' arma. Hu jinsab imputat ukoll li hedded, inġurja u ħebb għall-istess vittma. Fedina penali ta' l-imputat datata 1 ta' April 2021 jirriżulta li Adrian Baldacchino instab ħati ta' total ta' għaxar każijiet kriminali fejn l-ewwel każ seħħ fis-sena 1999 bl-aktar wieħed riċenti f'Ottubru tas-sena 2020. Dawn jinkludu erbgħa każijiet relatati mas-sewqan tal-karozza, każ ta' disprezz lejn il-Qorti u erbgħa każijiet ta' vjolenza bi tnejn minnhom Charmaine Spiteri hija l-vittma. Ħarsa lejn din il-Fedina Penali tindika impulsivà u element ta' vjolenti min-naħa ta' l-imputat. Fir-rigward każijiet pendenti jidher li l-imputat m'għandux aktar każijiet għajr għal dan odjern. Rekords maħruġa mid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole (DPP) juru li Adrian qed jiġi segwit mis-sottoskritta fir-rigward Ordni ta' Trattament li ngħatat mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. fis-26 ta' Ottubru 2020 għall-perijodu ta' sena. Rekords mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi (ASK) jindikaw li l-imsemmi nżamm il-ħabs taħt arrest għal għaxart ijiem fir-rigward il-każ odjern. Minn kuntatt li sar ma' l-**Ispettur Joanna Piscopo** irriżulta li dan il-każ qed jiġi segwit mill-unità fi ħdan il-Pulizija li tispeċjalizza f'każijiet ta' vjolenza domestika. L-Ispettur spjegat li r-rapport sar wara argument li l-koppja kellhom fir-residenza tagħhom fejn allegatament intużat sikkina.* ***Minn din l-intervista ġie nnutat l-vizzju ta' l-alkoħol li għandu l-imputat u għaldaqstant l-Ispettur hi ta' l-opinjoni li s-sentenza għandha tinkludi trattament sabiex Adrian jindirizza dan il-vizzju. L-Ispettur spjegat ukoll***

***li din is-sentenza għandha tkun waħda fil-komunità iżda mhux waħda leġġera. Għaldaqstant sostniet li l-imputat għandu jingħata sentenza sospiża b'superviżjoni annessa***[25]*. Saret intervista mas-Sa. Charmaine Spiteri bħala l-vittma tal-każ odjern. Minn din l-intervista ġie indikat li l-argument seħħ minħabba allegazzjonijiet min-naħa ta' l-imputat li hi għandha interess lejn ħaddieħor. Ġie indikat ukoll li dak il-ħin Adrian kien fis-sakkra. Il-vittma spjegat ukoll li l-ikkonċernat kellu sikkina f'idejh iżda saħqet li hu fl-ebda ħin ma laqta' jew weġġagħha b'din is-sikkina.* ***Fir-rigward sentenza, is-Sa. Spiteri sostniet li Adrian m'għandux jingħata l-ħabs iżda jingħata l-għajnuna neċessarja***[26]*. Adrian sostna li hu ngħata trobbija takba. Dan ġie anke kkonfermat minn intervista li saret ma' ħuh Randolph. Madanakollu hekk kif digà ġie spjegat, l-imputat ma pprovdiex wisq informazzjoni fl-intervisti li saru sabiex jiġi kkumpilat dan ir-rapport u għaldaqstant din hija waħda limitata. Jidher li Adrian ma kellux problemi fit-trobbija tiegħu u li ngħata l-attenzjoni neċessarja.* ***Madanakollu, ħuh Randolph sostna li ħih ilu snin jabbuża mill-alkoħol u li skont għandu jsegwi programm residenzjali sabiex jidnrizza din il-problema***[27]*. Fir-rigward ir-relazzjoni tiegħu mal-vittma tal-każ odjern, Adrian spjega li din ilha erbatax-il sena u li flimkien għandhom iben bl-isem ta' Aiden. Għal darb' oħra ma setgħetx tiġi miġbura wisq informazzjoni minħabba li hu ma provdiex wisq tagħrif. Madanakollu stqarr li minn tliet snin ilu 'l hawn żdiedu l-problemi u hu "mess il-qiegħ". Is-Sa.Charmaine Spiteri ġiet intervistata minħabba r-rwol konjugali li għandha fil-ħajja ta' l-imputat. Minn din l-intervista ġie nnutat fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom erbatax-il sena ilu, Adrian kien raġel bieżel u jħabrek għax-xogħol. Madanakollu jidher li eventwalment beda l-abbuż mix-xorb kien hemm perijodu fis-sena 2013 li anke abbuża mill-kokaina. Is-Sa. Spiteri ma setgħetx tagħti raġuni definittiva għal dan l-abbuż. Madanakollu jidher li t-telfa ta' l-ewwel wild tagħhom kien episodju li affettwa ferm lil Adrian. Irriżulta wkoll li l-koppja tilfu tarbja oħra fis-sena 2017, dettal li l-imsemmi naqas milli jiddiskuti mas-sottoskritta.* ***Fl-aħħarnett is-Sa. Spiteri sostniet li l-abbuż mill-alkoħol għadu għaddej sal-lum u għaldaqstant Adrian għandu jingħata l-għajnuna sabiex jindirizza dan u jerġa' jibda jgħix ħajja stabbli***[28]*. Skond Adrian huwa qatt ma abbuża mid-droga. Test ta' l-urina fi ħdan id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fit-13 ta' April 2021 li rriżulta fin-negattiv għall-kokaina, eroina u kannabis. Jidher li l-alkoħol iżda huwa problema. Adrian imminimizza dan l-abbuż u dan minkejja li hu stess stqarr li rrikorra għand il-Psikjatra Dr. Anthony Dimech sabiex jindirizza dan l-istess konsum u saħansitra ġie preskritt il-pinnolli ta' l-Antabuse. Rekorda maħruġa minn Sedqa juru wkoll li l-imputat kellu kuntatt ma' din l-istess agenzija fis-sena 2008. Irid jingħad ukoll li fix-xhur li għaddew l-imputat reġa' beda kuntatt ma' din l-istess aġenzija u dan sabiex jonora kundizzjoni imposta f'Ordni ta' Trattament maħruġa mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. Rapport mibgħut mis-Sa Annabel Farrugia Zerafa jispjega t-tip ta' kuntatt kif ukoll it-tip ta' xogħol li qed isir mill-ikkonċernat. Fl-aħħar nett irid jingħad li jidher li l-imputat m'għandux ħbieb u jqatta' l-ġranet tiegħu jieħu ħsieb in-negozju li jikkonsisti fil-bini ta' proprjetà.*

Għall-finijiet ta' Pjan ta' Kura l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja osservat illi *matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport ġie nnutat li l-problemi prinċipali li għandu l-imputat huma r-relazzjoni konjugali tiegħu u l-abbuż mill-alkoħol. Dawn iż-żewġ*

[25] Enfasi tal-Qorti.
[26] Enfasi tal-Qorti.
[27] Enfasi tal-Qorti.
[28] Enfasi tal-Qorti.

*problemi huma marbuta flimkien u jaffettwaw waħda lill-oħra. Jidher li minkejja li hu beda jindirizza l-abbuż mill-alkoħol, dan il-proċess għadu fil-fażi inizzjali. Diffikultà oħra importanti hija n-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tiegħu sabiex jagħti l-informazzjoni neċessarja biex b'hekk jiġu identifikati l-bżonnijiet tiegħu. Għaldaqstant huwa importanti li l-imputat jkompli jindirizza l-abbuż ta' l-akoħol b'mod professjonali u dan sabiex eventwalment anke jindirizza is-sitwazzjoni konjugali u r-relazzjoni familjari.*

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana minħabba nuqqas ta' provi, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 251B(1), 251H(g), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imptat ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi in bażi għal liema hemm lok li t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat jiġi sospiż, u dana għal raġunijiet ben delinejati fis-Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat, partikolarment il-fatt li l-imputat għandu bżonn għajnuna biex jittratta u jegħleb l-abbuż akut ta' alkoħol li huwa jsofri minnu, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissosspendi l-imsemmi terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni għall-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza u dana taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni mogħti illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk f'xi żmien meta jkun għadu fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni hawn impost fuqu, il-Qorti jidrilha, wara li jsirilha rapport bil-miktub mill-Uffiċjal Sorveljanti, li l-istess imputat ma jkunx qed jikkonforma ruħu ma' xi ħtieġa li hemm fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Superviżjoni mogħti llum u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza, Hija tista' tordna li l-imputat jinġieb quddiemha f'jum u ħin stabbilit minnha u, wara li tisma' lill-imputat, tkun sodisfatta li n-nuqqas ikun seħħ, tista' jew f'każijiet serji u ripetuti tordna li s-sentenza sospiża mogħtija b'din is-sentenza tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni in kwistjoni, twaħħal lill-imputat ammeda ta' mhux iżjed minn €232.94.

Il-Qorti in oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jingħata t-trattament u kura meħtieġa biex jegħleb l-abbuż akut ta' alkoħol li huwa jsofri minnu, u sabiex jiġi segwit mill-qrib minn psikjatra. Għal tali għan, anke fid-dawl tal-fatt li l-

imputat qed jiġi segwit mill-Psikjatra Dr. Anthony Dimech, il-Qorti qed tappunta lill-imsemmi Psikjatra Dr. Anthony Dimech sabiex matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament hawn impost fuq l-imputat huwa jsegwi lill-imputat u jagħtih dik il-kura u trattament meħtieġ biex appuntu jegħleb l-abbuż akut ta' alkoħol li huwa jsofri minnu.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 251D(3) u ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Charmaine Spiteri u dana għall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-llum u taħt t-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tagħmilha ċara li siccome l-imputat u Charmaine Spiteri għandhom tifel minuri bejniethom, l-imputat jista' jikkomunika u jekk hemm bżonn jiltaqa' ma' Charmaine Spiteri limitatament għall-finijiet u bżonnijiet ta' tali tifel, mingħajr b'hekk ma jkun qed jikser l-Ordni ta' Protezzjoni hawn impost fuqu iżda, kemm-il darba l-imputat joħroġ 'l barra mill-limiti ta' din l-eżenzjoni limitata li qed issir, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Charmaine Spiteri għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tifel in kwistjoni jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun qed jikser l-Ordni ta' Protezzjoni hawn impost fuqu u b'hekk jittieħdu fil-konfront tiegħu l-passi, azzjonijiet u provvedimenti kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi.

Il-Qorti żżid u tagħmilha ċara li jekk fid-data ta' din is-sentenza hemm ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Charmaine Spiteri li bih l-imputat b'xi mod ma għandux aċċess jew għandu aċċess limitat għat-tifel minuri tiegħu u ta' Charmaine Spiteri, din is-sentenza u l-kondizzjoni (e) fid-Digriet ta' l-Ordni ta' Protezzjoni impost fuq l-imputat bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jmorru kontra jew iġibu fix-xejn it-termini ta' tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Charmaine Spiteri. Fl-eventwalità li hemm tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Charmaine Spiteri, huma t-termini ta' tali ordni jew ftehim li jipprevalu fuq l-eżenzjoni limitata konċessa b'din is-sentenza u tal-kondizzjoni (e) imsemmija għall-finijiet ta' l-Ordni ta' Protezzjoni hawn maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa llum, inkluż li joħroġ 'l barra mill-limiti ta' l-eżenzjoni limitata konċessa fil-kondizzjoni (e) ta' l-Ordni ta' Protezzjoni, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Charmaine Spiteri għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tifel minuri jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl ta' l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat maħruġ illum stess, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'dan il-każ tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-kundanna ta' l-imputat għall-ispejjeż għall-ħatra ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li f'dawn il-proċeduri ma ġew maħtura l-ebda Esperti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**